**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 17 ta' Jannar 2018**

Numru 8

**Rikors Guramentat Nru. 1085/2017**

**Carmen Zammit**

**vs**

**Dr Paul Portelli u Dr Anna Maria Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-28 ta' Novembru 2017 li jghid hekk:

1. Illi fid-29 ta' Lulju 2005, l-esponenti tat b'self lill-intimati s-somma ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) liema ammont (hawn annessa u mmarkata Dok. B) kellu jithallas lura fi zmien ghaxar snin mid-data tal-istess skrittura, u cioe fid-29 ta' Lulju 2015.

2. Illi l-hlas hawn imsemmi baqa' ma sarx.

3. Illi ghalhekk, l-intimati ghandhom jaghtu lill-esponenti l-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf, tmien mija u erbghin ewro (€27,840) gia tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) rapprezentanti l-ammonti msellfin lilhom mill-esponenti kif hawn fuq deskritt.

5. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet minn naha tar-rikorrenti sabiex l-intimati jhallsu l-ammont dovut, u dan anke permess ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. C), huma baqghu inadempjenti.

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) Tiddikjara u tiddeciedi, li dan is-self huwa llum skadut u ghalhekk dovut;

2) Tikkundanna konsegwentament, lill-intimati solidament ihallsuha l-ammont pretiz ta' sebgha u ghoxrin elf, tmien mija u erbghin ewro (€27,840).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja datata 21 ta' Frar 2017, bl-imghaxijiet mid-data tal-iskadenza tal-hlas u bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Dr Paul Portelli li tghid hekk:

Eccezzjonijiet
1. Illi inkwantu ghas sorte, cioe s-somma mitluba ta' seba u ghoxrin elf tmien mija u erbghin euro (€27,840) l-eccipjent qieghed jirregistra ammissjoni ghaliex jaf li l-attrici silfet tali somma lil komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u l-konvenuta l-ohra Dr Anna Maria Lourdes Portelli, liema somma ghadha ma thallsitx lura.

2. Illi pero inkwantu ghat-talba attrici ghal-imghaxijiet "mid-data tal-skadenza ta’ hlas" din hija infondata stante li s-self in kwistjoni mhuwiex debitu kontemplat fl-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili izda jaqa’ fil-parametri tal-artikolu 1141(2) tal-istess Kodici u kwindi l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru biss mis-sejha b'ittra ufficjali.

3. Illi minhabba l-kontenut tal-paragrafu precedenti l-eccipjent gie kostrett jipprezenta kontestazzjoni limitatament dwar l-imghaxijiet li qed tesigi l-attrici bla ebda gustifikazzjoni u ghalhekk jirritjeni li z-zieda tal-ispejjez gudizzjarji minhabba dan ghandhom jithallsu mill-attrici.

Dikjarazzjoni
1. Illi fl-ewwel lok l-esponent jikkjarifika li qed jipprezenta wahdu din ir-risposta guramentata peress li bhalissa huwa u martu qeghdin f'proceduri ta' separazzjoni personali u tajjeb jinghad ukoll li l-istess attrici (iz-zija ta' mart l-esponent) qeghda tghix ma’ mart l-esponent f'parti mill-fond matrimonjali proprjeta tal-istess esponent u martu.

2. Illi huwa minnu li l-attrici silfithom l-imsemmija somma ta' seba u ghoxrin elf tmien mija u erbghin euro (€27,840), liema somma ghadha sallum mhux imhallsa lura u ghalhekk huwa qieghed jammetti li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu hija debitrici tal-attrici ghall-imsemmija somma.

3. Illi pero l-esponent jikkontesta t-talba attrici li l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data tal-skadenza tal-hlas (cioe 29 ta' Lulju 2015) izda biss mid-data tal-ittra ufficjali prezentata fil-21 ta' Frar 2017. Id-differenza dwar id-dekorrenza tal-imghaxijiet kif mitlub mill-attrici u kif isostni l-konvenut tammonta ghal tlett elef erba’ mija sitta u disghin euro (€3,496) li mhijiex somma negligibbli.

4. Illi fil-fatt is-self in kwistjoni la kien debitu kummercjali u lanqas ma hu wiehed li l-interessi fuqu ghandhom jiddekorru ipso jure u ghalhekk l-interessi ghandhom jiddekorru biss mis-sejha b'att gudizzjarju li l-attrici ghamlet fil-21 ta' Frar 2017.

5. Illi ghalhekk it-talba tal-attrici ghal imghaxijiet rnid-29 ta' Lulju 2015 saret bla ebda gustifikazzjoni u huwa biss minhabba tali talba li l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza odjerna ser jizdiedu inutilment ghaliex minnflok il-kawza tigi ntaxxata come ammessa ser ikollha tigi ntaxxata come deciza.

Rat in-nota ta' amminissjoni tal-konvenuta Dr Maria Portelli prezentata fl-4 ta' Jannar 2018 ghall-ammont kif dedott;

Rat ir-risposta guramentata ta' ammissjoni tal-konvenut Dr Paul Portelli ghas-sorte mertu tal-kawza ghalkemm ghamel riserva dwar l-imghax mitlub.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ftit ghandha xi izied tenut kont li l-konvenuti ammettew id-debitu fil-konfront tal-attrici. B'dankollu issib li l-imghax mitlub mill-attrici 'mid-data tal-iskadenza tal-hlas' mhux sostenibbli fil-ligi billi d-debitu kien pagabbli entro terminu ta' ghaxar snin mid-29 ta' Lulju 2005 bla imghax. Dan id-debitu ma jirrizultax li hu wiehed kummercjali skond kif irid l-artikolu 1141(1) u ghalhekk japplika d-dispost tal-artikolu 1141(2) fejn f'kaz ta' debiti ohra li mhumiex kummercjali, l-imghax jiddekorru mid-data tal-intimazzjoni b'att ufficjali. Ghalhekk l-imghax f'dan il-kaz jibda jiddekorri mid-data tas-sejha b'ittra ufficjali mill-21 ta' Frar 2017.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi in segwitu ghall-ammissjoni tal-konvenuti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti solidament ihallsu lil attrici l-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf, tmien mija u erbghin ewro (€27,840), liema somma tirraprezenta self moghtija mill-attrici lil konvenuti solidament, kif jirrizulta Dok. B tal-process, bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2017.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur